MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2011

Numru. 468/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Priscilla Caruana]**

**vs**

**Steven Falzon**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Steven Falzon detentur tal-karta tal-identita` numru 557684(M).

Akkuzat talli fis-16 ta’ Gunju 2008, ghall-habta tas-19:30 hrs kif tohrog mill-mini ta’ Hal Kirkop, Kirkop:
1. B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ikkaguna offizi ta’ natura gravissima fuq il-persuna ta’ Leonardo Spiteri billi kkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem jew li ggib difett permanenti f’parti tal-ghamla tal-gisem,

jew marda permanenti tal-mohh skont kif iccertifikat Dr. Moira Grech MD reg 2565 mill-Isptar Mater Dei; u

2. Saq il-vettura JAT715 b'manjiera bla kont, traskurata u perikoluza.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja u l-fedina penal ital-imputat li hija kwazi netta izda mhix tant li tipprejokkupa l-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti in breve kienu is-segwenti:

Illi il-vittma Leonardo Spiteri li kien gewwa l-mina ta' Hal Kirkop fis-sittax (16) ta' Gunju 2008 fis-sebgha (7) u nofs ta' filghaxija, gratlu hsara fil-karrozza bil-konsegwenza li hu waqaf sabiex jara xi gralha. L-imputat li kien gej aktar warajh ma rahx u baqa' diehel go fih bil-konsegwenza li meta Spiteri kien fuq in-naha ta' quddiem jara x'garala il-karrozza garrab griehi gravi peress li l-karrozza tieghu resqet 'il quddiem konsegwenza tad-daqqa. Fuq il-post tal-incident seta' jidher "break mark" ta' hamsa u tletin (35) metru.

Illi mix-xhieda migjuba interessanti hija dik ta' PS 966 Raise Desira li ha l-verzjoni tal-imputat ezatt wara l-incident fejn dan qal hekk *"kont gej minn naha taz-Zurrieq, kont gej fuq il-lane tax-xellug u kien hemm karrozza quddiemi li marret fuq il-lane l-ohra. Rajt karrozza wieqfa u kont se mmur fuq il-lane l-ohra imma rajt karrozza gejja sparata u bqajt fuq il-lane u zammejt il-break u bqajt diehel fuq il-karrozza l-ohra".* Ix-xhud qal li l-imputat kien qallu illi l-karrozza ta' Spiteri ma kellha l-ebda dawl mixghul.

Mix-xhieda ta' Leonardo Spiteri hareg illi ghalkemm huwa ma jiftakarx id-dettalji kollha tal-incident, u wara li spjega illi l-karrozza tieghu kienet garrbet xi hsara b'hekk kellu jieqaf, hareg biex jiftah il-*bonett* tal-karrozza u ezatt qabel hass daqqa kbira biex b'hekk il-karrozza tieghu resqet ghal fuqu. Huwa kien konfuz ghall-ahhar a rigward il-kwistjoni tad-dawl, ghall-ewwel huwa xehed illi kien halla xi dawl izda mbaghad f'xi hinijiet mix-xhieda tieghu huwa ma kienx daqshekk cert u beda jghid illi ma kellux dwal ghax il-batterija tal-karrozza kienet waqghetlu.

Illi mix-xhieda tal-imputat hareg illi huwa kien qed isuq gol-mina wara karrozza fuq in-naha tax-xellug li f'daqqa wahda din il-karrozza resqet fuq in-naha tal-lemin bil-konsegwenza li ra l-karrozza ta' Leonardo Spiteri li hasibha abbandunata peress li ma kellhiex dwal, dan ipprova jevitaha u skidja fejn il-karrozza tieghu laqtet il-bankina u baqa' diehel gol-karrozza ta' Spiteri. Illi huwa qatt ma ra lil Spiteri, infatti kienet persuna ohra li bdiet tghajjat li qaltlu li kien hemm persuna mwahhla taht il-karrozza.

Illi minn dan kollu hareg illi Leonardo Spiteri agixxa kemm xejn b'mod inkoxxjenti meta huwa waqaf minghajr l-ebda tip ta' "warning" ghal karrozzi l-ohrajn. Illi inoltre hareg ukoll illi l-karrozza ta' quddiem l-imputat illi ghaddiet fuq in-naha tal-lemin f'daqqa wahda kellha wkoll ikollha l-'proper lookout' sabiex il-karrozza ta' Spiteri tidentifikaha u b'hekk tghaddi fuq in-naha tal-lemin bil-kumdita` kollha u mhux tahsad lill-imputat li kellu jaghmel manuvra ta' emergenza sabiex jipprova jevita tali incident izda sfortunatament peress illi l-karrozza tieghu skidjat, il-manuvra kienet inutili.

Illi ghalkemm dan kien incident sfortunat fejn il-vittma tilef saqajh, din il-Qorti ma tistax issib htija fuq l-imputat u dan peress illi huwa ghamel dak kollu mehtieg minnu sabiex jevita dan l-incident u dan kif inghad hawn fuq.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 15 (2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 216 tal-Kap. 9 tal-

Ligijiet ta’ Malta, ma ssibx lill-imputat Steven Falzon hati tal-akkuzi kif dedotta kontrih u tilliberah mill-istess.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------